# IL-GRAN MASTRU VILHENA U L-FURJANA

Il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena ħakem fuq il-gżejjer Maltin bejn l-1722 u l-1736 u kien wieħed mill-iktar Gran Mastri popolari minn mindu l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann ħadu t-tmexxija ta' dawn il-Gżejjer fl-1530.

Wara l-mewt tal-Gran Mastru Marco Antonio Zondadari (1720-1722), il-Kunsill Ġenerali ta' l-Ordni, f'laqgħa li saret fid-19 ta' Ġunju 1722, sew sew tliet ijiem wara mewtu, ħatru, bħala suċċessur, lill-Kavallier Portugiż, Antonio Manoel de Vilhena, li mill-ewwel ħa ħsieb biex itejjeb il-qagħda fqira li fiha kien jinsab il-poplu ta' dawn il-Gżejjer, billi jagħmel użu aħjar mill-fondi ta' l-Ordni.



G.M. Ant. Manoel de Vilhena

Malli Vilhena sar Gran Mastru huwa xeħet għajnejh fuq il-medda ta' art bejn il-Bieb tal-Bombi u d-daħla tal-Belt Valletta u ordna bini ta' djar u b'hekk ta bidu għas-subborg ġdid li maż-żmien sar magħruf bħala l-Furjana, isem li tnissel mill-inġinier magħruf Taljan, Pietro Floriani, li kien wasal Malta fl-1632 biex iħejji l-pjanijiet meħtieġa għas-swar jew fortifikazzjonijiet bejn tal-Pieta' u Marsamxett, għaliex dawn l-inħawi kienu ftit dgħajfa rigward id-difiża tal-Belt Valletta.

Bil-bini ta' djar ġodda, il-popolazzjoni tal-Furjana bdiet tikber u wieħed mis-servizzi ta' fejda li l-Vilhena mar iħejji kienet il-Funtana ta' l-Iljun li mar iwaqqaf fl-1728, fil-qalba ta' l-istess Belt, għas-servizz tal-poplu.

Fi żmien ta' tliet snin, bejn l-1732 u l-1734, Vilhena wera kemm tassew kellu għal qalbu l-ħtiġiet tal-poplu. Fl-1732 huwa ta bidu għall-bini ta' l-Ospizju jew *"La Casa di Carità"*; fl-1733 huwa ta' l-art u ħa sehem fit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' knisja ġdida, u fl-1734 mar iwaqqaf il-Konservatorju tas-Sultan jew *"Casa d'Industria"* — tliet opri ta' fejda li għadna ngawdu l-frott tagħhom sal-lum, għalkemm, xi wħud minnhom, taħt aspetti differenti.

L-Ospizju ġie mibni bħala dar għan-nies xjuħ u morda. L-ewwel isem kien "Dar tal-Karita" u beda jissejjaħ Ospizju fi żmien il-Gran Mastru de Rohan fl-1785. Kien hemm żmien li f'din id-dar kienu jiksbu kenn mhux ix-xjuħ biss iżda wkoll nisa li ma kellhomx min jieħu ħsiebhom. Din id-dar kompliet taqdi l-għanijiet ewlenin tagħha sa żmien il-kolera ta' l-1837 u wara bdiet tintuża għal bosta ħtiġiet oħra, kemm ċivili kif ukoll militari. Il-lum tinsab bħala skola tas-snajja'.

Il-knisja ta' San Publju bdiet tiġi mibnija fuq biċċa art mogħtija mill-Gran Mastru Vilhena wara li kien intlaħaq ftehim bejnu u l-Isqof ta' Malta, Gaspare Gori Mancini, għaliex ix-xewqa ta' Vilhena kienet li Sarria kellha tkun il-knisja tal-Furjana. L-Isqof oġġezzjona għax Sarria kienet ta' l-Ordni ta' Malta u b'hekk ma kienx ikollu setgħa fuqha. Wara ħafna għelt intlaħaq ftehim u Vilhena nnifsu kien preżenti għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja ta' San Publju mill-Isqof Alferan de Bussan nhar it-2 ta' Awissu, 1733.

Il-Konservatorju tas-Sultan (il-lum id-Depot tal-Pulizija) kellu bħala skop it-taħriġ ta' tfajliet fis-snajja' xierqa għalihom biex mix-xogħol li jwettqu jkunu jistgħu jagħmlu d-dota. Jingħad li l-Konservatorju kienu jagħmlu użu minnu madwar 160 xebbha. Dan il-post għalaq fl-1837 wara rakkomandazzjoni ta' ċerta Lady Austin u nbidel fi Sptar Ċentrali fl-1850 u sofra ħsarat kbar matul l-aħħar gwerra dinjija. F'Marzu ta' l-1954 sar Depot tal-Pulizija.

Il-Gran Mastru wettaq bosta xogħlijiet oħra f'inħawi oħra tal-gżira, fosthom l-Imdina, Manoel Island u t-Teatru Manoel. Dr. A. Laferla jgħid: **"Kull fejn wieħed imur f'dawn il-gżejjer għandu jiltaqa' ma' xogħlijiet ta' fejda li huwa wettaq flimkien ma' xogħlijiet oħra għall-ħarsien u s-sbuħija tal-gżira."** Huwa miet fit-12 ta' Diċembru 1736 fl-eta' ta' 74 sena u jinsab midfun fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn għandu monument mill-isbaħ.

Fil-Furjana tinsab l-istatwa tiegħu tal-bronż f'ras il-Mall u li tfakkarna fil-Belt li hija magħrufa għalih bħala "Ċitta' Vilhena".